# 81. F’Jum il-Mejtin

F’Jum il-Mejtin żar l-oqbra ta’ qrabatu
b’kuruna kriżantemi safranin,
u qagħad fis-skiet jitlob mistrieħ ta’ dejjem
lil dawk li kienu taħtu midfunin.

“Kollox m’hu xejn, kollox duħħan u frugħa,”
għajtet il-Mewt mill-qabar taħt l-irħam;
“Trab kont u trab issir, il-ħajja vera
tal-ġisem jgħix fid-dud f’qabar mudlam.”

U kif kien jaħseb hekk għaddiet minn qribu
tfajla mill-ħelwin nett, mibruma, twila;
kienet madonna sbejħa bħall-madonni
li pinġa Lippo Lippi fuq it-tila.

Għajnejha bħal serquh, għaliex għajnejha
kienu żewġ vleġeġ jidħlu dritt fil-qalb,
u b’ħarstu bejn il-qobra mexa wrajha
sa ma għabet fil-bgħid, u nesa t-talb.

“Għix, għix, ħobb il-ħlejqiet,” għajtet il-Ħajja,
“soff il-ħlewwiet sew bħall-farfett li jtir!”
“Kollox m’hu xejn, kollox duħħan u frugħa”,
tenniet il-Mewt, “trab kont u trab issir!”

U bħal żewġ bisa ħżiena bdew igħajtu,
jiġġieldu ma’ xulxin min jieħdu miegħu;
it-tnejn iġebbdu fih, ħadulu rasu,
kull waħda riedet tkun l-għarusa tiegħu.

U meta temm it-talb qabad it-trejqa
ta’ bejn il-qobra mnejn għaddiet it-tfajla;
imgħannqa miegħu kienet miexja l-Ħajja;
il-Mewt imxiet warajhom qajla qajla.